Kitba ta'
Sunny Aquilina

# Statwi u Niċeċ fit-Toroq ta' Bormla (7)
## Tal-Qalb ta' Ġesù, tal-Kurċifiss, ta' San Mikiel, ta' San Pawl, ta' Sant'Andrija, ta' Santa Liena u Allegorija ta' l-Ordni ta' San Ġwann

F'dan l-artiklu se nkompli niktbu fuq aktar statwi u niċeċ li nsibu ġewwa Bormla. Nibdew bl-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù.

### Il-Qalb ta' Ġesù

F'artiklu ieħor konna semmejna li hemm statwa tal-Qalb ta' Ġesù fid-daħla mħaffra fil-blat taħt il-Mina ta' Għajn Dwieli li fil-gwerra serviet ta' knisja. Barra minn din hemm statwa oħra tal-Qalb ta' Ġesù fi Triq San Ġorġ, fi sqaq żgħir ma' ġenb id-dar numru 113, ftit qabel il-knisja li kienet tal-Konservatorju. Ġesù jidher b'idejh miftuħin bħal qiegħed jistieden l-erwieħ lejH. Hija statwa ta' daqs uman, imnaqqxa mill-ġebel u saret mid-Ditta *Medistone*. Fuq il-pedestall hemm din it-talba: *Qalb Imqaddsa ta' Ġesù jiena nafda fik*. Mal-ħajt, fuq il-lemin ta' l-istatwa nsibu lapida b'talba oħra: *tkun imfaħħra, imbierka u meqjuma u glorjuża l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù mad-dinja kollha, issa u dejjem, Amen.*

Biswit din l-irħama, fuq il-ħajt l-ieħor



Qalb ta' Ġesù, statwa fi Triq San Ġorġ

hemm oħra li tfakkar l-inawgurazzjoni ta' din l-istatwa, *Din ix-xbieha tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù ġiet imqiegħda f'dan il-post il-lum 5 ta' Novembru, 1993. Tbierket mill-Arċipriet Victor Cilia.* Saret bl-għan li xxerred id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù, b'inizjattiva tas-Sinjorina Mary Vella li toqgħod fl-istess triq u għadha tieħu ħsieb din l-istatwa u dan il-post li nġabar u ġie jolqot l-għajn. Quddiem l-istatwa hemm fanal u madwarha mżejjen bil-qsari.

## Xbihat tal-Kurċifiss

Xbihat ta' Kristu Msallab insibu mal-faċċata ta' l-Oratorju, fi Triq Wiġi Rosato u fi Triq Matty Grima. Il-Kurċifiss mal-faċċata ta' l-Oratorju qiegħed fuq il-bieb ewlieni ta' l-Oratorju li huwa mżejjen b'lavur fil-ġebla Maltija. Naraw xbieha ta' Kristu msallab bir-raġġi ħerġin minn wara s-salib b'lavur fit-tond fi skudett. Fil- ġenb hemm skolpiti żewġ važuni bl-ilsna tan-nar ħerġin minnhom b'simbolu ta' mħabba u qima. L-Oratorju nbena mill-Fratellanza tal-Kurċifiss bejn l-1731 u l-1735 fuq pjanta ta' Giacomo Bianchi. Dan l-Oratorju, li tela' wara li nbniet il-knisja parrokkjali, huwa meqjus bħala ġawhra minħabba x-xogħol li fih fil-ġebla Maltija. F'dan l-Oratorju nsibu erba' misteri tal-passjoni tassew artistiċi.


Il-Kurċifiss fuq il-bieb ta' l-oratorju

In-niċċa tal-Kurċifiss fi Triq Wiġi Rosato mhix antika, billi tinsab mal-bini li tela' wara l-gwerra. Tinsab faċċata ta' l-aħħar kantuniera qabel taqbad Triq San Franġisk u biswit fejn tispiċċa Triq San Mikiel. Hija niċċa miżmuma tajjeb. Naraw xbieha ta' Kristu msallab bi xbieha żgħira tad-Duluri taħtu u bid-damask fuq wara. Mal-ġnub hemm żewġ važuni bil-fjuri wieħed fuq kull naħa. Hija magħluqa bil-ħġieġ u taħt in-niċċa hemm ukoll żewġ fanali tad-dawl.

Xbieha oħra tal-Kurċifiss tinsab fi Triq Matty Grima li qabel kienet Triq Bongiorno. Din ma tantx tintebaħ biha billi tinsab fil-għoli u trid tħares 'il fuq sew biex taraha. Hemm Kristu msallab minqux fil-ġebel f'niċċa fuq il-bieb ta' gallerija miftuħa fil-faċċata ta' dar antika, numru 145. Din tiġi quddiem id-Domus Piju IX, fejn issir il-Mejda ta' l-Appostli. Hija xi ħaġa mhix tas-soltu kif inhi mnaqqxa fuq il-gallerija fil-għoli. Minn wara s-salib hemm sinjali ta' raġġi ħerġin. Din it-triq b'ħafna taraġ hija wkoll pittoreska u fiha nsibu statwa oħra.

## San Mikiel

F'kantuniera bejn in-naħa ta' fuq ta' Triq Matty Grima u Triq Santa Margarita nsibu niċċa tipika Maltija tal-ġebel li fiha hemm xbieha ta' San Mikiel. Il-gwarniċa tagħha n-naħa ta' fuq tagħlaq bil-ponta. San Mikiel bix-xabla merfugħa f'idu l-leminija jinsab fuq ix-xitan li huwa miżmum b'katina f'id ix-xellugija ta' l-Arkanġlu. Kemm il-figura tal-qaddis kif ukoll tax-xitan huma movimentati għalkemm il-ġwienaħ ta' l-Arkanġlu

huma 'l isfel. San Mikiel, b'wiċċu jmil lejn naħa, bix-xabla u l-katina kif ukoll b'riġlu fuq ix-xitan juri r-rebħa tiegħu; tat-tajjeb fuq il-ħażin. L-istatwa qiegħda fuq pedestall żgħir. Ta' min ineħħi l-*wires* u *cables* li hemm madwarha u li qegħdin ikerrhuha.



Statwa ta' San Mikiel fi Triq Santa Margarita kantuniera ma' Triq Matty Grima

## Xbihat ta' San Pawl

Statwi ta' San Pawl ġewwa Bormla għandna tnejn u kellna oħra li llum m'għadhiex teżisti. Ftit 'il bogħod min-niċċa ta' San Mikiel li diġà semmejna, fi Triq Santa Margarita hemm niċċa ta' San Pawl. Din hija tal-ġebel u qiegħda fil-għoli ħafna mal-faċċata tal-post numru 36. San Pawl jidher li f'idu l-leminija kellu xabla u fix-xellugija għandu ktieb. Hija niċċa komuni taħt iċ-ċinta tal-bejt.

Statwa oħra ta' San Pawl insibuha fil-faċċata fuq il-bieb prinċipali tal-knisja ta' San Pawl. Hija statwa tal-ġebel li tinsab f'niċċa prominenti, mibnija apposta għaliha, li tkompli żżejjen din il-faċċata eleganti. L-Appostlu tal-Ġnus, jidher b'idu l-leminija mgħollija 'l fuq b'sinjal ta' predikazzjoni u f'idu x-xellugija għandu l-ktieb u x-xabla. L-istatwa hija ta' stil barokk.



Statwa ta' San Pawl fil-faċċata tal-knisja ta' San Pawl

Fil-faċċata tal-knisja, fuq nett, naraw ukoll skudett bl-arma tal-qaddis skolpita. Il-Kan. Dun Ġużepp Bonello kiteb li *skond tradizzjonijiet antiki ħafna jgħidu li din il-knisja nbniet fix-Xatt ta' Bormla, fil-post eżatt minn fejn San Pawl siefer minn Malta wara l-miġja tiegħu fostna fis-sena 60 A.D. Skond l-istoriku Ferris (p.302) l-ewwel knisja ta' San Pawl inbniet fis-sena 1590.* L-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida, li għandna llum, tpoġġiet mill-Isqof Alpheran de Bussan fil-11 ta' Awissu, 1735 u tlestiet u tbierket fit-22 ta' Ottubru,

1741. L-istatwa ta' San Pawl hija prominenti fil-faċċata ta' din il-knisja li hemm min jattribwiha lil Gafà.

## San Pawl tal-Pixkerija

Barra minn dawn li semmejna kellna statwa oħra ta' San Pawl li llum m'għadhiex magħna. Kienet magħrufa bħala San Pawl tal-Pixkerija, billi biswitha kien hemm il-pixkerija, is-suq tal-ħut. Hawn kien il-lokal fejn kien jinbiegħ il-ħut u l-frott tal-baħar, post ta' ħidma, ħajja u kummerċ l-aktar qabel ma nbniet it-Tarzna. L-istatwa ta' San Pawl li kien hemm qrib il-Pixkerija f'Bormla saret fl-1870 minn Mastru Anton Busuttil, skultur Rabti, bi flus il-Bormliżi, kif jgħarrafna l-istoriku Pietru Pawl Castagna. L-iskultur Anton Busuttil kien magħruf fir-Rabat ta' Malta bħala *Żarmanġilu* u ġieli kien jgħinu ibnu Franġisku.

Din l-istatwa kienet fuq pedestall għoli fil-kantuniera li sa qabel il-gwerra kienet fejn illum hemm l-ispiżerija *White Cross*, fil-bidu tat-triq li dari kienet tagħti għal ħdejn il-knisja ta' San Pawl. Kienet statwa li kellha xebħ ma' dik ta' l-istess Appostlu li tinsab fi Triq San Pawl il-Belt Valletta f'kantuniera 'l isfel mill-knisja parrokkjali u Kolleġġjata ta' San Pawl. L-istatwa ta' Bormla kellha wkoll ornament tal-ħadid madwar l-istatwa fuq wara. Fil-fatt l-istess skultur Anton Busuttil kien għamel ukoll l-istatwa l-antika li kien hemm fi Triq San Pawl, il-Belt. Naturalment għandu bosta xogħol fir-Rabat u fost xogħlijiet oħra tiegħu nsibu l-Kunċizzjoni, vara fil-knisja parrokkjali tar-Rabat, Santa Marija, statwa fil-pjazza ta' Ħal Għaxaq, il-Kunċizzjoni fil-pjazza ta' Ħal Luqa, San Pawl, statwa mal-knisja ta' San Ġiljan ta' l-Isla u San Duminku (1877) u San Lawrenz (1880) it-tnejn fil-Birgu. Ħasra li din l-istatwa sabiħa ta' San Pawl m'għadhiex teżisti u l-inħawi lanqas jintgħarfu minn kif kieu qabel il-gwerra, imma għadna ngħidu, "Fuq San Pawl."

## Sant'Andrija

Statwa oħra sabiħa li llum m'għadhiex teżisti hija dik ta' Sant'Andrija, li l-istoriku P.P. Castagna u oħrajn isemmu bħala aktar antika minn ta' Sant'Elija (1818) u tal-Madonna tal-Karmnu (1854). Din l-istatwa nħadmet mill-iskultur ċelebri, Vincenzo Dimech li għamel ukoll l-istatwa ta' Sant'Elija. Ta' min jgħid li dan l-iskultur jinsab midfun fil-knisja ta' Santa Tereża, f'Bormla. Għall-ewwel din l-istatwa kienet fix-Xatt ta' Bormla faċċata fejn hemm Triq Sant'Andrija imma tmexxiet minn postha minħabba l-bini tal-Baċir Numru 1 tat-Tarzna u tpoġġiet fi Triq ix-Xatt ta' Bormla, bejn wieħed u ieħor, fejn illum hemm il-ħwienet ta' Gauda u Bonello. Kienet fi pjazzetta bejn id-djar u madwarha kien hemm bosta ħwienet. Bix-xieraq kienet tħares lejn in-naħa tal-pixkerija, ma ninsewx li Sant'Andrija huwa l-qaddis tas-sajjieda. Kienet statwa kbira tal-ġebel bil-qaddis iżomm is-salib warajh f'għamla ta' X, kif iġġib l-istemma tiegħu. Kienet statwa sabiħa fuq pedestall għoli b'fanal fuq quddiem. In-naħa l-oħra tat-triq kien hemm il-ħajt għoli tat-Tarzna. Il-Kan. Dun Ġużepp Bonello jikteb li meta ġew biex jagħmlu statwa ta' l-istess qaddis li tinsab f'Marsaxlokk, iż-Żwieten riedu li din tkun bħal Sant'Andrija ta' Bormla. L-inħawi f'Bormla kienu magħrufa, *Ħdejn Sant'Andrija* minħabba din l-istatwa li llum baqa' biss xi ritratti tagħha.

## Santa Liena u Allegorija ta' l-Ordni ta' San Ġwann

Taħt il-Mina ta' Santa Liena, li hija d-dħul ewlieni tas-Swar ta' Bormla, kien hemm

kwadru ta' l-Imperatriċi Santa Liena, omm l-Imperatur Kostantinu. Kemm il-mina kif ukoll l-inħawi huma magħrufa *Ta' Santa Liena*. Meta sar restawr u tindif fil-mina tneħħa l-kwadru ta' Santa Liena u kienet saret kopja ta' pittura ta' Preti kbira u sabiħa f'għamla ta' nofs tond li kienet turi allegorija ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Illum, wara li ilu sejjer ix-xogħol fuq il-mina għal snin sħaħ, la hemm il-kwadru ta' Santa Liena u lanqas il-kwadru kbir allegoriku. Dan il-kwadru għandu jerġa' jitwaħħal fejn kien u taħt il-gallerija jista' jsir kwadru żgħir ta' Santa Liena biex it-tradizzjoni tkompli. Ta' min jgħid illi mal-ġenb tal-mina minn ġewwa għadna nistgħu naraw lapida marbuta mal-kwadru ta' Santa Liena li tfakkar li Mons. Camrelo Conte Scicluna, Isqof ta' Malta kien ta erbgħin jum indulġenza għal min devotament jgħid Missierna, Sliema u Glorja quddiem din ix-xbieha ta' l-Imperatriċi Santa Liena skond id-digriet tiegħu tad-19 ta' Settembru, 1884.

Huwa dmir tagħna li dak li baqa' minn dan il-wirt li ħallewlna missirijietna nieħdu ħsiebu, napprezzawh u ngħadduh lil uliedna.


**SILVIO'S**
**BUY & SELL**

Dealers in new and used furniture and appliances

*Prop. Silvio Bonnici*

Business Hours:
9.15 to 12.30 – 5.00 to 7.00
Saturdays: 9.15 to 12.30

St Michael Street, Fgura
Tel: **21 662526**

**Cassar Bakery**



*Għal kull tip ta' ħobż*

**Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, Vittoriosa**
**Tel: 2180 5588**